**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 96/2014**

**Gabriella [K.I. nru 516587M], Riccardo Matteo [K.I. nru 8189M], Francesca [K.I. nru 116891M] u Roberto Stefano [K.I. nru 27894M] ahwa Mangion**

**vs**

**Concetta Gallo [K.I. nru 254882M] u b'digriet tal-11 ta' Mejju, 2015 il-kawza titkompla kontra Salvatore Gallo u Maria Bajada wara l-mewt ta' Concetta Gallo**

**Illum 14 ta' Jannar, 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk;

Illi r-rikorrenti jikru l-fond nmru 232, Our Lady of Sorrows Street, Pieta' lill-intimata Concetta Gallo.
Illi l-intimata:

1. naqset milli thallas il-kera dovuta ghall-imsemmi fond numru 232, Our Lady of Sorrows Street, Pieta' u
2. ghal diversi snin l-intimata m'ghadhiex tirrisjedi gewwa l-imsemmi fond u dan jikkostitwixxi non uso skont il-ligi.

Illi l-intimata kienet interpellata sabiex thalli l-imsemmi fond liberu u battal favur l-esponenti izda naqset milli taghmel dan.

Ghaldaqstant, l-esponenti nomine jitolbu umilment lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna l-izgumbrament ta' l-intimata Concetta Gallo mill-fond 232, Our Lady of Sorrows Street, Pieta' fi zmien qasir u perentorju li l-istess Bord joghgbu jipprefiggi wara li jaghti l-opportuni provvedimenti.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat Salvatore Gallo li tghid hekk;

Illi, rigward il-mertu, l-esponenti jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu qatt ma kellu u ma ghandux il-pussess jew ic-cwievet tal-fond mertu ta' din il-kawza;

Illi finalment, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li l-Qorti tichad it-talba tal-esponenti, u f'kaz li tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti fil-konfront taz-zewg intimati, l-esponenti ma ghandux ibghati spejjez relatati ma din il-procedura stante li hu ma ghandux pussess tac-cwievet u l-pussess tal-fond u ma ghandu ebda kontroll.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi in vista tan-nota ta' ammissjoni tal-intimata Maria Bajada a fol 12 tal-process;

Illi in vista tan-nota ta' ammissjoni tal-intimat Salvatore Gallo a fol 13 tal-process;

Illi in vista tal-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2015 fejn "Il-partijiet infurmaw lill-Bord illi lahqu transazzjoni fis-sens illi l-intimati qed jammettu t-talbiet tar-rikorrenti" u "ir-rikorrenti jikkoncedu lill-intimata Maria Bajada sal-31 ta' Jannar 2016 sabiex tizgombra mill-fond mertu tal-kawza u l-ispejjez tar-rikors jithallsu mill-istess intimata Maria Bajada";

Illi ghalhekk fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2015 il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ghaldaqstant, il-Bord qed jilqa' t-talbiet attrici u qed jipprefiggi terminu lill-intimata Maria Bajada sal-31 ta' Jannar 2016 sabiex tizgombra mill-imsemmi fond, bl-ispejjez tal-prezenti proceduri a karigu tal-istess intimata Maria Bajada.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur